# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Marzu 2019

**Rikors Numru : 397/2018 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**DF**

**Vs**

**JE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DF, datat 6 ta' Settembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*ILLI l-partijiet izzewgu fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elf disa mija u disa u disghin (1999) u dan min kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness u markat "**Dok A**", liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;*

*ILLI minn dan iz-zwieg tal-kopja twieldu zewgt'itfal u dan minn kif jidher f'paragrafu (b) tal-ewwel pagna tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u markat "**Dok B**";*

*ILLI l-partijiet isseparaw b'kuntratt datat 12 t'Ottubru ta-sena elfejn u sittax (2016) redatt min Nutar Dr Sylvana Borg Caruana, hawn anness u markat "**Dok B**";*

*ILLI m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ghalkemm ilhom ftit anqas minn sentejn legalment separati minn*

*xulxin, fattwalment ilhom separati minn xulxin aktar minn erba (4) snin u dan ghaliex ir-rikorrent ivvaka d-dar matrimonjali fl-ewwel (1) t'Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) meta kien irrizultalu li l-intimata kienet infidila lejh tant li kif jidher mid-Digriet stess, fl-14 t'Awissu tas-sena 2014 inghata d-digriet mill-Qorti sabiex tibda l-medjazzjoni li eventwalment waslet ghal tali kuntratt ta' separazzjoni li gie approvat mill-Qorti fil-5 ta' Settembru tas-sena 2016 u pubblikat minn Nutar fit-12 t'Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016);*

*Illi l-ligi taghna, senjatament Artikolu 66B sub-artikolu (a), jispecifika li d-divorzju jista jinghata kemm-il darba il-mizzewgun ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta' jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin innufieh precedenti;*

*Illi l-partijiet qeghdin jghixu hajja totalment separata min xulxin u ma hemmx lok li jkun hemm rikonciljazzoni bejniethom;*

*ILLI fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni (pagna 6 artikolu 15) r-rikorrent u l-intimata iddekadew ghal kull dritt ta' manteniment minghand xulxin;*

*Illi l-manteniment mir-rikorrent lil ulied dejjem inghata skont kif ftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni legali u fil-waqt li fil-konfront ta' K li llum ghandha 17-il sena ma hux jinghata manteniment ghaliex ghandha imjpieg 'full time', l-manteniment ghadu jinghata lil minuri R skont it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni;*

*ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-*

*divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata baqghet kontumaci (vide fol 24);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DF** xehed a fol 26 *et seqq.* illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Lulju, 1999 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-12 ta' Ottubru, 2016 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
> ***[...]***

> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa***

***flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
***[...]***

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda prodotta jirrizulta sodisfacentement ipprovat li l-partijiet kienu izzewwgu nhar it-3 ta' Lulju 1999, gewwa Rahal Gdid u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal (Vide Dok A, fol 4 certifikat taz-zwieg);

Jirrizulta wkoll illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana, datat 12 ta' Ottubru 2016 (Vide Dok B, a fol 5 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemmx l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-**

**llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**